MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 1016/2005/1

**Michael Busuttil u martu Josephine Anne *sive* Joanne Busuttil u Louise Busuttil**

**vs**

**Darryn Portelli**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta’ Jannar, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi ddikjaraw illi hwejjeg proprjeta’ tal-atturi fl-ammont ta’ mitejn tnejn u hamsin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmi (LM252.49) nsterqu jew gew nieqsa meta kienu fil-kustodja u taht ir-responsabbilta’ tal-konvenut bhala gestitur ta’ *party* fl-okkazjoni ta’

l-ewwel tas-sena 2004 fir-Resort Tal-Westin Dragonara, San Giljan ghall-liema nuqqas jahti l-istess konvenut.

Bl-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Jannar, 2004, 21 ta' Lulju, 2004 u 1 ta' Novembru, 2004 kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet dekoribbli skond il-ligi mid-data ta' din it-talba sa l-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut

Ra r-risposta sollevata mill- konvenut li permezz taghha eccepixxa lli

1) l-konvenut m'huwiex il-legittimu kuntradittur peress ili r-responsabbilita' ghall-'cloak room' in kwistjoni kienet tal-hotel fejn sar il-*party*, fil-Westin Dragonara, tant illi l-istess Hotel tramite l-assigurazzjoni taghha hallset it-talbiet kollha relatati mall-istess incident;

2) Illi l-konvenut huwa biss wiehed mill-promoturi tal-istess *party*;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-atturi qieghdin jippretendu valur ta' hwejjeg godda meta dawn kienu naturalment uzati.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha ezebiti fil-process miz-zewg partijiet.

Ra x-xhieda tal-attur Michael Busuttil u x-xhieda bl-affidavit tal-atturi Louise Busuttil u Josephine Anne sive Joanna Busuttil sema x-xhieda tal-konvenut Darryn Portelli.

Ra l-atti kollha;

Ikkunsidra:

Illi mill-atti kollha fil-process jidher lli wara *Party* fl-okkazjoni ta' l-ahhar tas-sena li kien sehh fil-Westin Dragonara fil-31 ta' Dicembru, 2004 kienu ntilfu jew misruqa hwejjeg proprjeta' tal-attur u cioe' 'kowts' u accessorji varji tal-ilbies tax-xitwa, mill-gwardarobba tal-Westin Dargonara Hotel liema gwardarobba kienet gestita mill-Westin Dragonara Hotel. Illi jidher iili kienet qamet rassa kbira madwar il-gwardarobba tal-Westin Dragonara Hotel bil-konsegwenza lli ntilfu u insterrqu 'l fuq minn mitejn hwejjeg u accessorji vari.

Illi l-istess konvenut Darryn Portelli, wiehed mill-organizzaturi ta' dan il-*Party* qal ili ghalkemm huwa kien ha hsieb illi jorganizza *party* ta' l-ahhar tas-sena fil-Westin Dragonara Hotel, il-gwardarobba kienet taqa' that ir-responsabilita' tal-Westin Draggonara Hotel. Di Fatti Darryn Portelli u siehbu ghan-nom ta' D&N promotions bhala organizzaturi tal-*party* kienu min jeddom hallsu lill-gestituri tal-Westin Dragonara Hotel ammont ta' LM500 bhala 'insurance premium' sabiex l-klijenti taghhom ikunu koperti ahjar b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri eventwalitajiet simili ta' serq mill-gwardarobba. Ghalhekk ikompli izid jghid illi kwalunkwe' 'claim' kellha ssir lil Westin Dragonara Hotel u mhux lilu direttament, kif jissokta jghid kienu ghamlu klijenti ohra li kienu nsterqulhom hwejjighom dik is-serata. Il-Konvenut kompla jghid illi huwa kemm il-darba kien qal lil attur bil-fomm biex jittrattaw direttament mal-Hotel ghaliex il-gwardarobba tappartjeni lil-Westin Dragonara Hotel u li l-*claims* l-ohra li kienu telghu 'l fuq minn mitejn 'Kowt' u accessorji vari kienu thallsu lill-klijenti kollha mill-Westin Dragonara Hotel direttament. Il-Konvenut zied jghid ukoll lli l-'cliams' kollha kienu gew settiljati mall-klijenti hlief ghall-'cliam' tal-atturi.

Skond ix-xhieda tal-konvenut dan jghid illi huwa kien lest ihallas somma ta' LM150 lill-atturi sabiex

jissalvagwardja r-reputazzjoni tieghu ta’ D&N Promotions. Din l-offerta m’ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti mill-konvenut izda kient biss turija ta’ rieda tajba sabiex jissalvagwardja r-reptuazzjoni tal-organizzaturi tal-*Party*.

Skond korrispondenza li qieghda esebita fil-process jidher illi l-attur ikkirrisponda kemm mall-konvenut ghan-nom ta’ D&N Promotions u kemm James Lee bhala Managing Director tal-Westin Dragonara Hotel. Mill-ittri mibghuta mill-atturi u li huma esebiti u mix-xhieda tal-atturi jidher illi l-korrispondenza dwar it-talba ghar-rimbors ta’ hwejjighom saret biss ma Darryn Portelli u mhux mall-Westin Dragonara Hotel.

Fil-korrisponsdenza skambjata bejn il-partijiet il-konvenut qatt ma kien ta’ x’jifhem lill-attur ili huwa ma kienx il-legittimu kuntradittur izda sahansitra kien fi kliemu stess  offra somma sabiex tinghalaq il-kwistjoni u jissalvagwardja r-reputazzjoni ta’ D&N Promotions bhala ‘*party* organizers.’ Din is-somma ta’ Lm150 ma kienetx accettabbli lill-atturi.

Skond ix-xhieda tal-attur Michael Busuttil kien kiteb lil Darryn Portelli u lil Westin Dragonara izda kien biss Darryn Portelli li kien irrispondihom u li ghalhekk t-trattativi tkomplew ma’ Darryn Portelli.

Jidher illi l-konvenut kien wera diligenza xierqa u kien ha l-prekawzjonijiet necessarji  sabiex il-klijenti tieghu jistghu jgawdu serata  fl-okkazjoni ta’ l-ahhar tas-sena.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli l-gestjoni tal-gwardarobba ma kienetx f’idejn l-organizzatur tal-*Party*  u li ghalhekk ma taqax taht ir-responsabbilita’ tieghu. It-Tribunal huwa tal-fehma ukoll lli  l-anqas il-kustodja ta’ l-istess hwejjeg kient  f’idejn il-konvenut. Bhala organizzatur hu ha hsieb illi l-klijenti kellhom ghad-disposizzjon taghhom is-servizz ta’ gwardarobba.

> Mill-provi jidher illi l-konevnut kien ha l-prewkawjonijiet possibli u wera diligenza serja bil-mod kif kien organizza l-*Party* fl-okkazjoni ta' l-ahhar tas-sena fil-Westin Dragonara Hotel. Da parti mill-organizzaturi kienu sahansitra hallsu 'premium tal-insurance' zejda lil-WestinDragonara sabiex il-klijenti taghhom ikunu koperti ghall-kwalunkwe' eventwalita'. Mix-xhieda u dokumenti ezebiti ma jistax jigi ppruvat illi t-tort kien tal-organizzaturi. It-Tribunal huwa tal-fehma lli jista' jkun hemm terzi persuni li huma responsabbli.
>
> L-incident tal-gwardarobba li kien jinsab fil-kustodja tal-Westin Dragonara Hotel, huwa kaz li kien barra mill-kontroll tal-organizzaturi tal-*Party*. Jista' jinghad illi dan kien *kaz fortuit* li ma kienx previst u li kien barra mill-lok tal-gestituri u bhala tali l-konvenut m'ghandux jidhol responsabbli ghat-telf tal-atturi.
>
> Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-konvenut illi mhuwiex il-legittimu kuntradittur f'din il-kawza izda jilqa' l-eccezzjoni fil-mertu.
>
> Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.**"**

L-appell ta' l-atturi fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu koncepit kif gej:-

(1) It-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali meta argina ruhu 'l hinn mill-eccezzjonijiet moghtija u meta ma kkunsidrax l-applikazzjoni korretta tal-principju tad-dritt illi talba ghad-danni tista' tkun milqugha biss jekk ezercitata fil-konfront tas-soggett li mieghu tezisti relazzjoni guridika;
(2) Il-gustizzja u l-ekwita jirrekjedu illi d-decizjoni tat-Tribunal tkun bazata fuq fatti provati;

Koncizament, il-konvenut appellat wiegeb illi l-appell jiddifetta ghax ma jaqa’ taht ebda wiehed mis-subincizi ta’ l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380, una volta l-valur tat-talba ma jaghmlux jinkwadra ruhu fil-parametri tas-subinciz (3) ta’ l-istess Artikolu 8. Fuq il-mertu ta’ l-appell l-istess konvenut jissottometti illi fil-kazijiet kontemplati taht il-Kapitolu 380, il-principju ta’ gustizzja naturali jimponi illi l-gudizzju jrid isir skond l-ekwita;

Huwa importanti li jigu ri-epilogati l-fatti kif johorgu mill-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal:-

(1) L-atturi attendew ghal *party* tal-31 ta’ Dicembru 2003 organizzat mill-konvenut u haddiehor fil-lukanda Westin Dragonara. Meta gew biex jirtiraw hwejjighom (tliet kowts u scarf) mill-*cloakroom* skond it-*tags* li nghatawlhom (fol. 28 u 29) dawn ma nstabux. Dan ma kienx kaz izolat ghax anke bosta ohrajn li attendew sabu li hwejjighom gew trafugati;

(2) Jinghad mill-konvenut (ara xhieda tieghu a fol. 38) illi ghall-organizzar tal-*party* thallsu hames mitt lira (Lm500) bhala *insurance premium* biex huma, *qua* organizzaturi, jkunu koperti anke ghall-eventwalijiet li ssuccedew;

(3) Kienu huma stess li invitaw lil min attenda u tilef hwejgu biex iressqilhom il-*claim* bil-miktub flimkien mar-ricevuti. F’ dan il-kaz hekk sar anke jekk l-atturi ghamlu dan bl-assistenza tal-konsulent legali taghhom. Ara ittri minn fol. 2 sa fol. 4;

(4) L-atturi, pero`, ma accettawx is-somma kompensatorja offerta lilhom. Il-konvenut jghid li din l-offerta ghamilha ghax kellu l-interess tar-reputazzjoni u l-*goodwill* ta’ l-organizzazzjoni;

Fuq il-fatti premessi t-Tribunal irraguna b’ dan il-mod. Fl-ewwel lok cahad l-eccezzjoni principali sollevata mill-konvenut illi ma kienx il-legittimu kontradittur di fronte ghat-talba attrici biex ghadda ghall-argoment illi l-gestjoni tal-*cloakroom* ma kienetx f’ idejh u li allura dak li gara ma kienx fil-kontroll tieghu ghax ir-responsabilita kienet ta’

terzi. Zied jaggungi illi l-fattispeci jiprospettaw anke sitwazzjoni ta' kaz fortuwitu. Ta' min jirrileva illi l-unika difiza sostanzjali mressqa mill-konvenut kienet dik li hu ma kienx il-legittimu kontradittur. Mill-kumplament ma tressqet ebda eccezzjoni fil-mertu;

Jinsab prevvist mill-Att V ta' l-1995 (Kapitolu 380) illi ghal kontroversji li jaqghu fil-kompetenza tat-Tribunal adit ir-regola ta' gudizzju hi wahda bazata principalment fuq l-ekwita. Din il-fonti normattiva tal-gudizzju tohrog mid-dispost ta' l-Artikolu 7 (1). Li jfisser li f' gurisdizzjoni bazata fuq l-ekwita t-Tribunal htieglu jislet dik ir-regola ta' gudizzju li b' riferiment ghal kaz konkret kienet tikkoncedilu jasal ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b' mod adegwat u intelligibbli ghal karatteristici specifici tal-fattispeci. Wisq naturali, anke bl-adoperu ta' din ir-regola, it-Tribunal ma jistax jiskonfina ruhu fl-arbitriju izda hu fid-dmir li jirrendi b' mod komprensibbli l-process logiku-intwittiv minnu segwit biex jiddetermina r-regola ekwitativa. Wisq naturali, ukoll, huwa ma jistax lanqas jinjora l-principji li ghalihom taspira d-dixxiplina positiva tal-ligijiet u kif dawn ghandhom ikunu applikati ghal-mertu. Ara, *inter alia*, "**Blye Engineering Co. Ltd -vs- Vincent Caruana**", Appell, 27 ta' Ottubru 2000, u "**Middlesea Insurance plc -vs- Paul Caruana *et***", Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju 2007;

Fil-pekuljarita tal-fattispeci tal-kaz prezenti din il-Qorti ma ssibx gustifikazzjoni ghal mitigazzjoni tad-dritt positiv li jrid li kull qorti jew tribunal ghandu jikkonfina ruhu fl-argini ta' dak domandat u tal-kontestazzjoni ghal dik l-istess domanda, ossija li ma jippronunzjax ruhu oltre il-limti tal-pretizi u ta' l-eccezzjonijiet. Dan qed jigi rilevat in kwantu jidher f' dan il-kaz illi l-konvenut illimita ruhu ghall-eccezzjoni unika ta' l-estranjeta tieghu ghar-rapport guridiku sostanzjali dedott fil-gudizzju mentri t-Tribunal issofferma wkoll fuq eccezzjonijiet fil-mertu li ma tqanqlux. Irid jizdied, imbaghad, illi d-decizjoni impunjata mhix lanqas sorretta minn *iter* argomentativ li jaghti hjiel xieraq tal-provi u, l-aktar, ta' dak il-process logiku segwit ghalbiex

it-Tribunal wasal ghal dik ir-*ratio decidendi* tieghu. Fi kliem iehor, "kellu necessarjament ikun hemm rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni. Jekk tali rabta ma tkunx tirrizulta jew dak li hu aghar, jekk tali rabta tkun tirrizulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali allura jkun jonqos element essenzjali tad-decizjoni. Nuqqas li jinficcja u jinvalida d-decizjoni." ("**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co Ltd)**", Appell, 9 ta' Lulju 1999);

Huwa ferm difficli ghal din il-Qorti illi taccetta bhala argoment razjonali dak ritenut mit-Tribunal illi l-konvenut kien l-legittimu kontradittur u, fl-istess waqt, il-kustodja ta' hwejjeg l-atturi, f' dak il-mument, ma kienetx tispetta lilu, *qua* organizzatur tal-*party*. *Multo magis*, imbaghad, meta skond it-Tribunal, bil-hlas tal-*premium*, il-konvenut ha hsieb li tkun koperta l-eventwalita` tat-telf subit mill-atturi. Huwa ovvju ghal din il-Qorti, illi, gjaladarba it-Tribunal iddetermina illi l-konvenut appellat kien is-suggett idoneju li ghandu jwiegeb ghar-rikjesta ta' l-atturi, dan kien jimplika li l-uniku legam negozjali kien ma' dan, u mhux ukoll mal-gestur tal-lukanda. Jikkonsegwi illi r-responsabilita organizzattiva, fit-totalita` taghha, kienet tikkomprendi l-harsien ta' hwejjeg il-klijenti, pagaturi tal-biljett ghal dak il-*party*. Kellu jkun ferm ovvju illi kien proprju in raguni ta' din l-istess responsabilita` li l-konvenut ha hsieb ikopri lilu nnifsu b' polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji. Hu spjegat ukoll mill-fatt illi meta ssuccieda l-avveniment, fejn gew trafugati jew mitlufa l-effetti personali ta' numru ta' attendenti ghal *party*, l-istess konvenut gharrafhom illi l-*claims* ghandhom jigu indirizzati direttament lilu u mhux ukoll lill-lukanda jew lill-kumpanija assikurattiva. Kien hu wkoll li ghamel l-offerta tal-hlas lill-atturi, anke jekk bla pregudizzju;

F' kazijiet simili, jkollu jinghad illi l-organizaturi, sija ta' *party* jew kull haga ohra, huma depozitarji ta' l-oggetti tal-klijenti fdati ghandhom, u, bhala depozitarji, huma obbligati li juzaw id-diligenza li d-depozitarju soltu juza fil-kustodja ta' hwejgu. Ara Artikolu 1899 Kodici Civili. "Anzi f' dawn il-kazijiet dan l-obbligu huwa applikabbli b'

rigorozita aktar” (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 189**). Anke jekk illum il-Kodicijiet Civili moderni abbandunaw kull riferiment ghad-“*diligentia quam in suis*” u ppreferew ir-riferiment normativ ghal dak tal-“*bonus paterfamilias*” bhala mudell ta’ diligenza aktar objettiva, jibqa’ l-fatt illi la kien hemm f’ dan il-kaz il-karatteristici kollha tad-depozitu, tali kellu jimplika l-obbligu tal-kustodja u, allura, tar-restituzzjoni tal-hwejjeg affidati. Minn numru kbir ta’ *claims* li kien hemm kollox jindika illi l-konvenut, *qua* organizzatur u depozitarju, ma hax hsieb, lanqas bid-diligenza *quam in suis*, jindokra kif imiss, u b’ dawk il-prekawzjonijiet mehtiega, biex jigi evitat is-serq jew trafugament tal-hwejjeg ta’ bosta mill-klijenti tieghu, kompriz dawk ta’ l-atturi. Jikkonsegwi illi, kif ritenut, “id-depozitarju li jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli ghat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depozitata jew lil min ikun iddepozitaha” (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1224**);

Dan ipprecizat, il-Qorti lanqas issib raguni perswasiva il-ghala t-Tribunal kellu bhala komponent tar-ragonament tieghu, jaqa’ fuq il-kaz fortuwitu bhala motiv ta’ skagjonar tal-konvenut mir-responsabilita` meta minn ebda eccezzjoni dan ma kien hekk invokat. Kieku stess imqanqla, il-prova tal-kaz fortuwitu kienet mixhuta fuq il-konvenut (ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 440** u **Vol. L P III p 602**) u tali prova, f’ dan il-kaz, ma tirrizultax mir-rizultanzi probatorji;

In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha huwa l-kaz li l-Qorti titbieghed mir-ragonament u konkluzjoni tat-Tribunal billi dawn ma humiex fondati la fuq il-bazi tal-provi attendibbli in atti u lanqas mal-principji tad-dritt applikabbli ghal kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma minn dawn domandata fl-Avviz, kompriz l-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ l-

istess Avviz. L-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------